**4 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Joseph Formosa**

**Traffiku — "Pedestrians" — "Stage" — Negligenza — Piena.**

*Il-fatt li driver ikun qiegħed isuq bi speed moderat u jinvesti persuna, li tkun fit-triq, jekk minn naħa waħda jiskolpah mir-responsabbiltà minħabba l-fattur ta' speed żejjed, minn naħa l-oħra dak l-istess speed moderat kien imissu qiegħdu fi grad li jista' jara lil dik il-persuna "a tempo", biex jista' jew iżomm tempestivament, jew jesperimenta xi manuvra oħra ta' evażjoni effikaċi.*

*Meta char-a-banc jieqaf fi "stage", driver prudenti għandu jipprevedi li aktarx jinżlu xi passiġġieri minnu, u għandu joqgħod attent għalihom, u għandu joqgħod attent ukoll, sa ċertu punt, għal xi nies, anki talvolta mhux passiġġieri, li jistgħu jitfaċċaw minn wara x-char-a-banc. Divers ikun il-każ kieku x-char-a-banc ikun waqaf mhux f'fermata normali, jew kieku l-passiġġier jagħżel li jinżel, in kontravvenzjoni, qabel il-"fermata", waqt li x-char-a-banc ikun qiegħed jirrallenta biex jieqaf.*

*Il-"pedestrian", għalkemm għandu d-dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam "with reasonable dispatch". Aktar u aktar teħtieġ din l-attenzjoni tal-"pedestrian", meta si tratta ta' "uncontrolled crossing". Iżda anki jekk il-"pedestrian" ikun negliġenti, dan ma jassolvix lid-driver ta' car milli juża dak il-grad ta' "reassonable care" li teħtieġ. Dan kollu jingħad dejjem sakemm ma tkunx ġiet mill-"pedestrain" kreata lid-driver, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux raġjonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evażiva.*

*Imma, dolorużi kemm ikunu dolorużi l-konsegwenzi tal-investi-*

*ment tal-"padestrian", hu dmir tal-Qorti, meta tiġi biex tapplika l-piena kontra d-driver, li tirrifletti tajjeb fuq il-grad ta' negliġenza tad-driver; għax jista' jkun hemm każijiet li jiħom in-negliġenza tiegħu, għad li tkun ukoll kriminuża, però ma tilħaqx dak il-grad tali li jimmerita l-applikazzjoni ta' piena restrittiva tal-libertà personali.*

Il-Qorti:— Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruttorja kontra l-imputat, talli fiż-17 ta' Diċembru 1958, f'xi l-5.15 p.m., b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, fil-waqt li kien qiegħed isuq karrozza nru 16489 minn National Road, laqgħat lil Giovanna Spiteri ta' 40 sena, mill-Marsa, u kkaġunalha l-mewt;

Rat in-nota tal-Attorney General tas-27 ta' Diċembru 1958, li biha dawk l-attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex l-istess tiddeċidi fuq l-imputazzjoni taħt dak li hemm maħsub fl-art. 239 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940;

Rat is-sentenza tal-Qorti l-aħħar imsemmija tad-9 ta' Jannar 1959, li biha sabet lill-imputat ħati talli fil-Ħamrun, fiż-17 ta' Diċembru 1958, għall-ħabta tal-5.15 p.m., b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, fil-waqt li kien qiegħed isuq karrozza nru. 16489 minn National Road, laqgħat lil Giovanna Spiteri, ta' 40 sena, u kkaġunalha l-mewt; u wara li rat l-art. 239 tal-Kodiċi Kriminali u l-Government Notice nru 337 tal-1940, ikkundannatu għall-priġunerija għal żmien sitt xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-provi li fuqhom hi msejħa tiġġudika l-Qorti għar-rigward tad-dinamika ta' dan is-sinistru stradali, u per konsegwenza tar-responsabbiltà o meno tal-appellant, jikkonsistu fid-dikjarazzjonijiet li l-appellant għamel lill-Pulizija nvestigatriċi, fix-xhieda li hu ta fuq talba tiegħu, fix-xhieda ta' driver (ċertu Demarco) li kien ġej isuq mid-direzzjoni opposta, fix-xhieda ta' passiġġiera, ċjoè x-xhud Carmelina Borg Costanzi, li kienet ma' dan id-driver, u fid-dettalji topografiċi riżultanti mill-investigazzjonijiet u l-pjanta fol. 54;

Mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tħoss ruħha konvinta li l-appellant kien qiegħed isuq bi speed moderat, u li għalhekk dan il-fattur ta' li speed ma hux f'dan il-każ element ta' kolpa . . . . . Ma hemm ebda ndizju ta' speed eċċessiv . . . . . . ;

Lanqas jidher li tista' tiġi askritta lill-appellant bħala kolpa krimunża ċ-ċirkustanza li, fit-trieq wiesgħa 61 pied, hu kien maħruġ il-barra mix-xellug 27 pied u 9 pulzieri . . . Kwantu għall-fattur tad-dawl . . . . . Ebda argument, għalhekk, a kariku tal-appellant ma jista' jinġibed kwantu għal daqshekk;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda ta' Demarco f'din l-istanza aktarx jidher li dik il-mara kienet qasmet minn quddiem jew wara x-char-a-banc fuq li stage li ra Demarco, jew għax niżlet minnu, jew xort'oħra. Fatt hu li x'ħin laqgħatha l-car tal-appellant hi kienet waslet fiċ-ċentru tat-trieq — distanza li tapprossima t-30 pied. L-appellant xehed fis-sens li hu sabha quddiemu f'daqqa waħda, bla ma kellu x-"chance" li jirrimedja. Għalhekk hu dmir tal-Qorti li teżamina jekk jirrikorrix, f'dan il-każ, il-fattur dirimenti tas-"sudden and unforeseen emergency" (ara paġ. 51 Andrew Dewar Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases);

Din il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi kollha

tal-każ, u vvaljathom fid-dawl tal-prinċipji legali "in subject materia", tippropendi li tirritjeni li ma kienx hemm din is-"sudden emergency", imma li kien hemm, f'dan il-każ, mill-parti tal-appellant, nuqqas ta' attenzjoni li jġib responsabbiltà kriminali;

Infatti, il-Qorti, għall-finijiet tal-proċess eżjoloġiku tas-sinistru in kwistjoni, għamlet dawn ir-riflessjonijiet:—

(a) Il-fatt li l-appellant kien miexi bi speed moderat, jekk *minn naħa waħda jiskolpah minn responsabbiltà min-ħabba* l-fattur ta' speed żejjed, li kien ikun fiċ-ċirkustanzi fattur per sè inkriminanti, minn naħa l-oħra dak l-istess speed moderat kien messu jqiegħedu fi grad li jista' javvista lil dik il-mara a tempo, biex jista' jew iżomm tempestivament, jew jesperimenta xi manuvra oħra ta' evażjoni effikaċi;

(b) Aktar u aktar kien hemm din il-possibbiltà ta' xi reazzjoni utilment evażiva mill-parti tal-appellant meta wieħed jaħseb li l-mara kienet raġjonevolment maqlugħa mix-char-a-bancs, wieħed jew tnejn; għax, kif ingħad, kienet f'nofs it-trieq, it-trieq hi mdawla, u l-car tal-appellant *kien bil"head lights" mixgħulin"*;

(c) Il-possibbiltà li hi ħarġet b'apparizzjoni improvvisa minn wara jew quddiem ix-char-a-bancs, wieħed jew tnejn, ma jidherx li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u salvi każijiet oħra li jistgħu joffru fil-fattispeċje tagħhom xi aspett eċċezzjonali, *setgħet ikkreat emerġenza subitanea imprevedibbli*; għaliex għandha ssir distinzjoni. Meta char-a-banc jieqaf fi stage, driver prudenti għandu jipprevedi li aktarx jinżlu xi passiġġieri minnu, u għandu joqgħod attent għalihom u għandu joqgħod attent, sa ċertu pont, għal xi nies, anki talvolta mhux passiġġieri, li jistgħu jitfaċċaw minn wara x-char-a-banc. Divers ikun il-każ kieku x-char-a-banc *ikun waqaf mhux f'fermata normali, jew kieku l-passiġġier* jagħżel li jinżel, in kontravvenzjoni, qabel il-"fermata" waqt li x-char-a-banc ikun qiegħed jirrallenta biex jieqaf. Issa, f'dan il-każ, jekk din il-mara niżlet mix-char-a-banc, jew jekk qasmet minn warajh jew quddiemu, ma

jistax jiġi negat li l-appellant kien fid-dover li joqgħod attent għal emerġenza simili, molto pjù li l-mara nvestita ma ħarġitx proprju quddiem il-car tal-imputat, imma laħqet skostat ruħha b'mod li waslet sa nofs it-trieq (ara pp. 160-163 Gibb, loc. ċit.);

(d) Ċertament, il-"pedestrian", għalkemm għandu d-dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, għandu wkoll id-dover li juża prudenza u li jaqsam "with reasonable dispatch" (ara "dictum" ta' Chief Justice Pollock, ċitat b'approvazzjoni fid-Davies, "Law of Road Traffic", p. 217; u ara wkoll ibidem paġ. 75). Aktar u aktar teħtieġ din l-attenzjoni tal-"pedestrian" meta si tratta ta' "uncontrolled crossing". Iżda, anki jekk "pedestrian" ikun negliġenti, dan ma jassolvix lid-driver ta' car milli juża dak il-grad ta' "reasonable care" li teħtieġ; għax, kif jgħid Perseo Guerrieri fil-"Codice della Strada Commentato", il-fatt li l-"pedestrian" ikun negliġenti ma jfisserx li hu "condannato a morte", u lanqas b'daqshekk "il conduttore è divenuto suo carnefice" (p. 323 Vol. III). Dan kollu jingħad dejjem sakemm ma jkunx verament ikkrea lid-driver bl-imprudenza tiegħu emerġenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux raġjonevolment possibbli, azzjoni tempestivament evażiva;

Ikkunsidrat;

Kollox ma' kollox, l-Imħallef sedenti jaħseb li l-appellant, għal xi raġuni jew oħra li ma tiskolpahx, ma kienx qiegħed iżomm dik il-"proper look-out" li talvolta kienet tista' tevita dan l-investiment, jew almenu sensibbilment tnaqqas l-effetti tiegħu, li kienu sfortunatament fatali. Minħabba din id-diżattenzjoni kolpuża tiegħu, aktarx li hu kkonfonda talment, meta sab dik il-mara quddiemu, li ma jirriżulta li ħa ebda azzjoni evażiva la fis-sens li swervja, għax il-car tiegħu kien u baqa' għad-dritt, u lanqas fis-sens li bbrejkja a tempo, tant li l-car baqa' miexi, wara li laqgħat il-mara, għal xi 30 pied;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti kkunsidrat;

Ma jidherx li dan kien każ li fih id-driver ikun qiegħed isuq b'mod tali, jew f'ċirkustanzi tali, li donnu deliberatament ikun qiegħed jistieden disgrazzja. Doloruż kemm ikun doloruż il-każ, hu dmir tal-Qorti, f'dawn il-każijiet, li tirrifletti tajjeb fuq il-grad ta' negliġenza kolpuża. Min ikun qiegħed isuq, per eżempju, bi speed eżaġerat jew perikoluż, b'mod li jaf tajjeb li jekk jinqala' xi ħaġa ma jkunx jista' jżomm f'distanza raġjonevoli, jew min ikun qiegħed komunkwe isuq "recklessly", b'mod li kull ħin u waqt ikun qiegħed jikkrea perikolu ta' infortunju stradali, jew min isuq meta jkun xurban, jew anki, jekk mhux għal kollox fis-sakra, almenu b'moħħu talment affett bix-xorb li l-kriterju tiegħu tas-sewqan u r-reazzjonijiet tiegħu jkunu mankanti, ritardati jew difettużi, jew min javventura ruħu jsuq bi brakes defiċjenti, jew isuq bil-lejl xjentement bla dawl, f'dawn il-każijiet simili numerużi, l-element kostitwenti l-perikolu potenzjali jkun pre-eżistenti għall-infortunju stradali, u jkun konoxxut mill-awtista li, ċiò non ostanti, jieħu r-riskju ta' dak l-element potenzjalment perikoluż, u b'hekk juri ruħu nonkuranti tal-inkolumità ta' ħadd ieħor; u għalhekk f'dawn il-każijiet ikun hemm dik li, b'epiteti diversi fil-ġurisprudenza, issejħet "gross negligence", u li biha min ikun qiegħed isuq juri, kif ingħad ukoll fil-ġurisprudenza, "a disregard for the life and safety of others." Lord Atkin, fil-kawża R. v. Baldassare, deċiża mill-House of Lords, A.C. 1937, 586, pp. 583-585, ippreferixxa l-kelma "reckless", u qal ukoll, fil-kors tas-sentenza, "for the purpose of the criminal law, there are degrees of negligence"; u aktar tard uża l-espressjoni "a high degree of negligence";

Jista' jkun hemm, inveċe, każijiet oħra li fihom innegliġenza, għad li tkun ukoll kriminuża, però ma tilħaqx dak il-grad li timmerita piena restrittiva tal-libertà personali. Qal Mr. Justice Avory in R. v. Rose (1928) 20 Cr. App. R. 164 (każ ta' car li nvesta u qatel ċiklista):— "No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case, and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment";

Fit-test "The Law of Negligence", l-awtur Charlesworth, p. 5, jgħid:— "Degress of negligence are recognised in criminal law";

Issa, din il-Qorti taħseb li, fil-każ preżenti, piena restrittiva tal-libertà personali hija eċċessiva, għax ma kienx każ ta' "gross negligence", peress li ma kienx hemm fih xi fattur li juri "recklessness" jew non-kuranza deliberata għall-inkolumità ta' ħadd ieħor, bħal fil-każijiet fuq eżemplifikati; kien hemm nuqqas ta' attenzjoni għax l-appellant ma żaminx "a proper look-out", u bħala konsegwenza nuqqas ta' dik l-attenzjoni evażiva li kienet tirrakkomanda ruħha. Il-fedina penali tal-imputat hi netta;

Għalhekk tiddeċidi billi fil-meritu tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tneħħi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, u minflok tikkundanna lill-appellant għall-piena tal-multa ta' tmenin lira (£80), titħallas żmien xahar mil-lum.